**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

Lill-Membri kollha tal-Kunsill

**LAQGHA TAL-KUNSILL**

**It-43 Laqgħa tas-seba' leġiżlatura tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi (Laqgħa b'urġenza)** ser issir nhar **l-Erbgħa 2 ta' Marzu 2016 fis-6pm,** fl-Uffiċċju tal-Kunsill, 7, Triq il-Knisja, Qrendi QRD 1103.

**Chris Falzon**

**Segretarju Eżekuttiv**

**Aġenda**

---

1. **Approvazzjoni tal-*Financial Statements 2015* tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi**

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

**Minuti tat-43 Laqgħa tas-seba' leġiżlatura tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi li saret nhar l-Erbgħa 2 ta' Marzu 2016 fis-6 ta' filgħaxija fl-Uffiċċju tal-Kunsill, 7, Triq il-Knisja, Qrendi u spiċċat fis-6:15 ta' filgħaxija.**

**Preżenti:**

| | |
|---|---|
| Sindku | David Schembri |
| Viċi Sindku | Charles Zerafa |
| Kunsillier | Daniel Farrugia |
| Kunsillier | Olympia Sant Mifsud |

**Skużata:**

| | |
|---|---|
| Kunsillier | Daniela Farrugia |

**Uffiċjal:**

| | |
|---|---|
| Segretarju Eżekuttiv | Chris Falzon |

Is-Sindku David Schembri ppreseda.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

## 1. APPROVAZZJONI TAL-*FINANCIAL STATEMENTS 2015* TAL-KUNSILL LOKALI TAL-QRENDI

1.1 Is-Sindku David Schembri qal li fl-aħħar għandna f'idejna l-*unaudited financial statements 2015* sabiex napprovvahom f'din il-laqgħa.

1.2 Is-Segretarju Eżekuttiv Chris Falzon spjega dak li kien hemm miktub fl-*unaudited financial statements 2015* u qal li s-sena li għaddiet kienet waħda pożittiva għall-Kunsill Lokali.

1.2.1 Qal li bil-mod il-mod ħerġin mid-daqqa tal-*Public Private Partnership*, ta' meta saret parti minn Triq San Mattew u Triq Ħaġar Qim bit-tarmak.

1.2.2 Spjega kif wara li fl-2014 il-Kunsill Lokali spiċċa b'telf ta' €18,865, fis-sena 2015 il-Kunsill Lokali spiċċa b'bilanċ ta' €65,515.

1.2.3 Fisser kif dan il-bilanċ huwa frott ta' flus li daħħalna mill-PPP, kif ukoll tal-mod għaqli li bih qiegħed jimxi l-Kunsill Lokali, minħabba li qegħdin nibbenefikaw minn fondi minn diversi skemi.

1.3 Is-Sindku ppropona li l-Kunsill Lokali għandu japprova dawn l-*unaudited financial statements 2015*.

1.3.1 Il-Kunsill Lokali qabel unanimament li dawn l-*unaudited financial statements 2015* għandhom jiġu approvati.

| **Chris Falzon**<br>**Segretarju Eżekuttiv** | **David Schembri**<br>**Sindku** |
|---|---|